# Rapport Amministrattiv

# **April – Diċembru 2013**

## **Kunsill Lokali Kalkara**

### **L-istqarrija tal-missjoni ta' l-Kunsill Lokali Kalkara**

*Biex iħares l-interessi tar-Residenti kollha tal-Kunsilli Lokali u fl-istess ħin jiżgura livell għoli ta' efficjenza u serjetà fir-responsabbiltaijiet kollha li għandu l-Kunsill Lokali. L-għanijiet huma: Li jippromwovi, javvanza, jservi u jagħti appoġġ fl-aspetti kollha lir-resident.*

## Il-Kunsill Lokali huwa kompost minn dawn il-membri:

| | |
|---|---|
| Sindku – | Is-Sinjura Speranza Chircop |
| Vici Sindku – | Is-Sur Christopher Bruno |
| Kunsilliera – | Is-Sinjura Maria Sultana |
| Kunsillier – | Is-Sur Paul Bongailas |
| Kunsillier – | Is-Sur Vincent Bongailas |

Segretarju Ezekuttiv – Is-Sra Sharon Galea Iriele

Is-Sindku huwa r-rapprezentant tal-Kunsill ghall-finijiet kollha taht l-att tal-Kunsilli Lokali u ghandu jippresjedi l-laqghat kollha tal-Kunsill u jissorvelja l-funzjonijiet kollha tal-Kunsill.  Is-Sindku jkun responsabbli sabiex  jitwettqu l-ghanijiet u d-disposizzjonijiet tal-istess Att  u s-Sindki ghandhom jikkoperaw bejniethom ghall-gid tal-lokalitajiet li huma jirraprezentaw.

Ir-rapprezentanza legali u guridika tal-Kunsill tkun vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv li jistghu jharrku u jkunu mharrka f'isem il-Kunsill.

Kull Kunsillier gie assenjat qasam specifiku li huwa ghandu jsegwi u jirraporta dwaru fil-Kunsill Lokali.  Kull kunsillier jista` wkoll jifforma kumitat jew sotto kumitat li huwa ghandu jippresjedi sabiex jahdem f'dak il-qasam.

Is-Sindku, is-sinjura **Speranza Chircop** responsabbli mir-relazzjonijiet pubblici (pubblikazzjonijiet), Progetti Infrastrutturali, Infrastruttura, (tiswija, tindif, bankini, zoni urbani, rurali u gonna pubblici, bajjiet, dwal tat-toroq, trasport, gemellagg, website, berga (kura primarja), seminars u laqghat, kuncerti muzikali, implimentazzjoni tas-Sustainable Development Action Plan. Kuntatt ma' SmartCity u l-pulizija.

Responsabbli mill-***Anzjani*** billi torganizza attivitajiet socjali ghall-anzjani u l-familja u torganizza laqghat ta' nteress generali ghall-Anzjani. Torganizza l-attivita socjali ghall-Anzjani fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara u fil-Karnival.

Responsabbli mill-***Persuni b'Dizabilita'***- tinzamm lista aggornata ta' dawk il-persuni b'dizabilita' fil-lokal. Jinzamm kuntatt mal-ghaqdiet li jghinu l-persuni bi bzonnijiet specjali fosthom Dar il-Wens sabiex it-talbiet taghhom jaslu ghand il-Kunsill. Responsabbli minn korsijiet tad-Drama u Korsijiet tal-Arteggjanat ghall-Adulti kif ukoll dawk tas-sezzjonijiet tal-Aerobika u Zumba.

Il-Vici Sindku is-Sur **Chris Bruno** huwa responsabbli ***miz-zghazagh***. Jorganizza diskussjonijiet edukattivi u socjali ghaz-zghazagh, jorganizza attivitajiet ghaz-zghazagh, jippartecipa f'attivitajiet Lokali, regjonali u nazzjonali ghaz-zghazagh. Jiehu hsieb jorganizza programmi ta' skambji taz-Zghazagh. Jiehu hsieb l-***Ghaqdiet tal-Baned***. Huwa jrid jorganizza ***attivitajiet kulturali*** bil-partecipazzjoni tar-residenti, jifforma kalendarju ta' attivitajiet kulturali ghal matul is-sena u jippromwovi t-talent lokali.

Il-Kunsillier s-sur **Paul Bongailas** huwa responsabbli mill-***korsijiet ta' l-informatika*** u ***internet Centre*** bil-ghan li ssir ricerka dwar studju jew materja ta' nteress. Huwa responsabbli wkoll mill-***librerija*** ghalhekk irid jiehu hsieb il-htigijiet tal-librerija, jara li din tinfetah b'mod regolari u jiehu dawk l-inizjattivi necessarji sabiex izjed tfal u zghazagh jaghmlu uzu mill-librerija pubblika. Jipprepara ***inventarju tal-patrimonju fil-Kalkara*** kif ukoll harsien ghall-***wirt storiku*** fil-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur **Vince Bongailas** huwa responsabbli mill-***Ghaqdiet Sportivi***. Jitwaqqaf sotto kumitat li tieghu il-Kunsillier ikun ic-Chairperson u jkun iffurmat minn membru ghal kull ghaqda sportivi. Il-minuti tal-laqgha jigu mghoddija lis-Segretarju Ezekuttiv u jigu pprezentati fis-seduta tal-Kunsill ghad-diskussjoni. Jorganizza attivitajiet sportivi bejn l-ghaqdiet lokali u anke fuq livell nazzjonali. Jhejji pjan ghall-attivita sportiva f'gurnata iddedikata ghal Jum il-Kalkara. Responsabbli ***tad-drittijiet tal-annimali***.

Il-Kunsilliera s-sinjura **Maria Sultana** hija responsabbli mill-***Edukazzjoni*** billi tirraprezenta l-Kunsill Lokali bhala presidenta tal-kunsill skolastiku u zzomm l-ahjar relazzjoni mal-kap tal-iskola primarja tal-Kalkara. Torganizza attivita kongunta bis-sehem tat-tfal ta' l-iskola primarja tal-Kalkara ghal Jum il-Kalkara. Izzomm kuntatt ma kull skola fejn hemm tfal residenti fil-Kalkara. Torganizza attivita fil-Karnival bis-sehem tat-tfal ta' l-iskola primarja. Torganizza hargiet edukattivi u kulturali ghat-tfal ta' l-iskejjel primarji. Taghmel arrangamenti sabiex it-tfal tal-iskola primarja jiltaqghu fl-laqgha ta' diskussjoni dwar il-hidma tal-Kunsill mas-Sindku u l-Kunsill kollu. Torganizza flimkien mal-Kap tal-iskola dawk il-laqghat necessarji u li huma ta' nteress ghal dawk it-tfal bil-bzonn t'ghajnuna partikolari, minhabba problemi li jistghu ifixklulhom il-hajja edukattiva taghhom. Torganizza ***korsijiet*** fit-taghlim tal-lingwa maltija, ingliza, lingwi ohrajn u first aid ghall-kulhadd. Torganizza korsijiet tad-drama ghat-tfal tal-livell ta' skejjel primarji. Torganizza l-***blood mobile unit*** matul is-sena.

## ***Daħla***

Permezz ta' din ir-rapport amministrattiv il-Kunsill qieghed jippreżenta rendikont tal-ħidma ghas-sena 2011.

F'din is-sena,l-Kunsill kompla fuq dak li ġie miksub mill-Kunsill fis-snin preċedenti, filwaqt li kompla jaghmel hiltu biex filwaqt li jsebbah il-lokal, jaqdi lir-resident bl-ahjar mod possibli.

### ***Introduzzjoni mis-Sindku***

Il-prijorita assoluta tal-Kunsill regghet kienet immirata lejn l-ahjar u l-aqwa kwalita ta' servizzi li noffru lir-residenti Kalkarizi. Kull inizjattiva, kull hidma u kull pjan kien dejjem mahdum u mfassal skond ic-cirkostanzi u l-bzonnijiet tal-komunita Kalkariza.

Kien ghalhekk li matul is-sena l-Kunsill Lokali haseb sabiex ikompli jiffacilita l-infrastruttura fil-lokal ghal dawk il-persuni li ghandhom bzonnijiet specjali, li jaghti l-ghajnuna u s-sapport lill-istudenti, lill-haddiema u lill-familji li jinteressahom it-taghlim u l-integrazzjoni fil-hajja tax-xoghol.

Il-Kunsill huwa determinat jibbaza l-obbligi tieghu fuq il-htigijiet tal-komunita lokali, l-aktar fuq l-edukazzjoni, s-sahha u l-qasam socjali. Il-Kunsill ser jahdem fuq tfassil ta' Rapport ghall-Izvilupp Sostenibbli fil-Lokal, sabiex l-istess Kunsill ikollu direzzjoni fuq il-hidma tieghu matul iz-zmien li gej.

## ***Ndafa fil-Lokal***

Il-Kunsill hadem hafna f'kull qasam, b'mod specjali fiz-zamma ta' ndafa fil-lokal. Matul is-sena 2012 il-Kunsill qed ikompli jinvesti fis-servizz tal-knis li qieghed jiswa lill-Kunsill ammont sostanzjali ta' fondi. Kemm il-Kunsill kif ukoll ir-resident jinsab kuntent bl-istess servizz u dan jirrizulta minn tnaqqis ta' lmenti fost ir-residenti. Huma rari l-kazijiet fejn residenti, jcemplu l-ufficcju tal-Kunsill biex jilmentaw fuq dan is-servizz.

L-istess jista jinghad ghas-servizz tal-Gbir ta' Skart. Il-Kunsill hass il-htiega li jzomm dan is-servizz mit-Tnejn sas-Sibt sabiex ir-resident ikun aktar moqdi. Il-Kunsill ghadu qed ihallas ammont sostanzjali ghal dan il-kuntratt pero jifhem li biex il-lokal jibqa nadif u ordnat dawn l-ispejjez huma necessarji. L-istess jista jinghad ghall-gbir ta' skart goff, li l-Kunsill qieghed jaghti dan is-servizz lir-residenti tlett darbiet fil-gimgha.

Ta min jinnota wkoll li specjalment fix-xhur tas-sajf, il-Kunsill jaghmel uzu minn BeachCleaner li jnaddaf il-bajja tant sabiha ta Rinella, minn varjeta ta' materjal. Il-Beach Cleaner inaddaf din il-bajja kull jum kmieni filghodu ghall gid kemm ir-residenti kif ukoll in-nies li jiffrekwentaw din il-bajja

## **Infrastruttura**

Il-Kunsill jahdem b'mod kontinwu fil-qasam tal-infrastruttura. Huwa jaghmel uzu mill-haddiema tal-IPSL kif ukoll haddiema tal-gvern assenjati mal-Kunsill Lokali Kalkara. Ix-xoghol tal-haddiema tal-IPSL huwa li jaghmlu dak kollu li hemm bzonn fejn jidhol xoghol ta' hadid, bhal bollards, irrangar ta' sinjali ta' traffiku, culverts, etc. Hemm haddiem iehor li jaghmel il-pots mill-injam tal-pallets, li jitqassmu mal-lokal kollu fejn umbghad jimtlew bil-hamrija u jithawwlu bix-xitel. Residenti talbu dawn it-tip ta' pots ghal fejn id-djar taghhom sabiex umbghad ikunu huma li jiehdu hsieb il-manutenzjoni taghhom. Haddiema ohra jiehdu hsieb jirrangaw cnut u central strips fejn jidhol ix-xoghol tal-gebel u zebgha. Haddiem iehor huwa stazzjonat fil-pjazza tar-rahal sabiex jiehu hsieb it-tisqija tax-xitel li

jdawwar il-pjazza kif ukoll xi manutenzjoni ohra li jkun hemm bzonn. Il-Kunsill ghandu haddiem tieghu li jiehu hsieb zebgha ta' sinjali tat-traffiku, u xoghol relatat ma zebgha fil-playingfield. Il-bandli inzebghu b'kuluri attraenti, l-art ta' mad-dawra inzebghet b'kuluri li jikkumplimentaw u xoghol iehor fejn huwa mehtieg. Il-Kunsill dahal fl-iskema tal-ETC tal-community work scheme, fejn gie assenjat diversi haddiema. Dan ix-xoghol kollu jsir ghall-gid u s-sodisfazzjon tar-residenti kif ukoll ghal dawk in-nies ta' barra l-lokal li jiffrekwentaw din il-pjazza b'mod specjali fix-xhur tas-sajf.

## Latrina Pubblika

Peress li x-xoghol fil-latrina pubblika li tinsab fix-xewkija baqa qatt ma sar. Il-Kunsill kien ghamel applikazzjoni mal-MEPA sabiex jibni latrina ohra fil-playing field area. Il-process tlesta u l-permessi hargu u matul is-sena 2011 ser jibda x-xoghol u jitlesta, sabiex il-Kalkara jkollha latrina kif jixraq. Haddiem assenjat mill-ETC taht il-community work scheme ser ikun qieghed jghin, lill-haddiema l-ohra tal-Kunsill fil-bini ta' din il-latrina. Din il-latrina se tkun il-priorita tax-xoghol matul is-sena 2011, peress li hija tant mehtiega u mitluba minn kull min jaghmel uzu jew jghaddi minn dik l-area specjalment fix-xhur tas-Sajf.

## Il-Librerija Pubblika

Il-Kunsill Lokali qieghed jinvesti b'sahha fil-librerija pubblika. Din qieghda tinfetah ghall-beneficcju tar-residenti tal-inqas 22 siegha fil-gimgha. Il-Kunsill qieghed jaghmel uzu mill-librar irregistrat mal-librerija pubblika tal-furjana filghaxijiet, u qieghed jaghmel uzu minn librara filghodu liema haddiema hija tal-IPSL sekondata mal-Kunsill. Il-Kunsill investa u ghadu jinvesti f'hafna kotba godda peress li d-domanda ghal certi kotba kienet wahda qawwija. Ghalhekk inhasset il-htiega li biex il-Kunsill izomm din il-librerija hajja u li thajjar lin-nies jaghmlu aktar uzu minnha, isir dan it-tip ta' nvestiment ghall-edukazzjoni tar-resident. Ta min jinnota wkoll li anke persuni barra l-lokal jaghmlu uzu minn din il-librerija. Il-Librerija Pubblika tal-Kalkara din is-sena inqalbet kompjuterizzata sabiex tkun iktar accessibli ghall-pubbliku. L-investiment f'din il-librerija qieghed

isir ukoll fil-premises ghall-uzu taghha.  Il-kera tal-librerija hija wahda privata u tiehu ammont sostanzjali mill-budget tal-amministrazzjoni.

**Berga tal-Gvern u s-servizz tat-tabib b'xejn mill-Kunsill.**

Il-Kunsill Lokali flimkien mal-Ministeru tas-Sahha  gie fi ftehim sabiex il-Berga tal-Gvern tiehu postha fil-post li ghandu attrezzat il-Kunsill.  L-istess premises tal-librerija pubblika hemm kamra ghall-berga u kamra li tintuza minn nurse.  Il-Kunsill Lokali qieghed ikompli jinvesti fis-servizzi li jinghataw minn din il-Berga. Minbarra s-servizz tal-berga tal-gvern, il-Kunsill Lokali fis-sena 2011 ser ikun qieghed jaghmel tajjeb ghall-saghtejn fil-gimgha tabib b'xejn lir-residenti, kif ukoll siegha ohra fil-gimgha ghas-servizz ta' nurse.   Ir-residenti apprezzaw u qed jaghmlu uzu massimu ta' dan l-incentiv li huwa ghall-beneficcju ghalihom.

***Progetti prospettivi mill-Kunsill Lokali Kalkara***

Il-Kunsill Lokali Kalkara qabel mat-thejjija tar-Rapport ghall-izvilupp sostenibbli tal-lokalita tal-Kalkara.  Huwa ser ikun qieghed jahdem sabiex iwettaq dak propost f'dan ir-rapport.

Il-progett tac-Cimiterju waqa minhabba d-devoluzzjoni tieghu ma nghatatx lill-Kunsill Lokali.  Avolja dan ilu hafna mixtieq mill-Kalkarizi, u l-Kunsill haseb li jaghti kaz din ix-xewqa tar-residenti, dan ma rnexxiex.

Il-Kunsill jixtieq ikompli jaqdi lir-residenti bl-ahjar mod possibli.  Il-Kunsill Lokali jixtieq jibni Centru Civiku li jkun jilqa fih dawk is-servizzi kollha li r-resident ghandu bzonn.  Il-Kunsill din is-sena ser ikun qieghed jaghmel l-applikazzjonijiet necessarji sabiex jibda dan il-process.
Il-Kunsill jifhem li din hija spiza konsiderevoli u jifhem ukoll li skond kif tghid il-ligi, fil-kaz ta dejn ghal aktar minn 8 snin, ghandu jghajjat referendum ghar-residenti tal-Kalkara sabiex ikunu huma li japprovaw dan il-progett u l-finanzjament tieghu.